# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru ħamsa u tletin (35) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM), li nżammet nhar it-22 ta' Settembru 2009, fis-6:50pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Il-**laqgħa bdiet ftit tard** għaliex ma kienx hawn *quorum*, fil-fatt fil-bidu kienu preżenti s-Sindku, u l-Kunsillieri Nicholas Briffa, Grace Marie Mallia u Charles Farrugia.

2. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

3. Is-**segretarju eżekuttiv, qara l-minuti** tas-seduta preċedenti, dawn kienu korretti skond ix-xewqa tal-kunsillieri, approvati u ffirmati.

4. Wieħed mill-punti li qamu fil-minuti kien dwar il-**propost self ta' flus mill-banek** biex il-KLM jiffinanzja l-asfaltar ta' numru ta' toroq fil-lokalità. Dwar dan is-self, li kien hemm qbil li jsir mill-*BOV* kontra l-interessi ta' 3.95%, intqal li dan fih il-*base rate* inkluża. Madankollu s-sindku qal li dwar din tal-interessi, hija xi ħaġa li l-gvern ċentrali se jaħdem fuqha biex possibilment jiġu mneħħija. Dan qalu meta din il-ġimgħa tkellem mas-Segretarju Parlamenteri fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Onor Chris Said. Nicholas Briffa qal illi minkejja li din il-mozzjoni ġiet approvata, huwa xtaq jagħmel suġġeriment lill-kunsill fid-dawl li issa kien hemm żieda żgħira fl-allokazzjoni finanzjarja. Dan sabiex il-kunsill ma jidħolx f'piżijiet bid-dejn, iżda jwarrab ammont ta' flus mill-allokazzjoni fis-sena biex ikun jista' jasfalta triq mingħajr il-biża' ta' *overruns* aktar 'il quddiem. Hawn is-sindku qal li l-mozzjoni taħseb għall-kontinġenza f'każ li jinqala' xi ħaġa li ma tkunx mistennija u fil-fatt huwa infurmat illi l-gvern ċentrali se jasfalta Triq Ħal Kirkop biex minnha jgħaddu r-residenti taż-Żurrieq fil-perjodu li Triq Valletta Żurrieq se tkun magħluqa minħabba x-xogħlijiet bil-kisi mill-ġdid tagħha.

5. Dwar il-**laqgħa** prevista ma' uffiċjali tal-**Ministeru tal-Onor George Pullicino**, is-sindku u s-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Oliver Lautier. Matul din il-laqgħa kienu diskussi t-tkomplija tal-bankini tal-pjazza mill-ministeru, il-pavimentar ta' Triq San Mikiel, il-qlugħ mill-ġdid u t-tħawwil ta' arbuxxelli fis-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, kif ukoll it-tindif tat-toroq arterji, bil-possibiltà li jkunu inklużi magħhom kemm Triq is-Siġġiewi kif ukoll Triq tas-Sejba.

6. Se nibqgħu insegwu l-każ ta' **ilma ħiereġ barra fi Triq Mikelanġ Sapiano** minkejja li naqset il-pressa tiegħu għand il-familji ta' dawn l-inħawi u dan ma jidhirx. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (KSI) kienu pproponew li jiċċaqlaq il-monument ta' Mikelanġ Sapiano biex jissoktaw bit-tiswijiet.

7. Is-sindku qal li l-aġenzija ***Heritage Malta*** permezz ta' Ms Sue Depasquale, **fetħu l-Katakombi tal-Mentna** biex iż-żgħażagħ li qed jorganizzaw l-attività tat-2 ta' Ottubru 2009, ikunu jistgħu jiffilmjaw il-Katakombi tal-Mentna. Dan sar biex dawn ikunu jistgħu jagħmlu *feature* b'filmat qasir ħalli jkun jista' jiġi proġettat fuq *screen* waqt din l-attività stess.

8. Dwar l-involviment tat-tfal tal-Kulleġġ San Benedittu f'din l-attività, is-sindku qal li għadna ma nafux jekk dawn hux ġejjin jew le. Dan għaliex għadna mingħajr risposta mill-Kummissarju tal-Pulizija jekk hux se jkunu involuti l-***precision drill*** u l-**banda tal-pulizija.**

9. Kien hemm xi tibdil fuq il-**prezzijiet tal-ikel** propost mill-*Institute for Tourism Studies*. Dawn infatti aċċettaw li jżommu €2.50 lill-istaff, u lill-pubbliku se jkunu qed iżommulu bil-€5 u €4 għall-istuffat tal-majjal u r-risotto tat-tiġieġ rispettivament. Dawn għandhom bżonn sitt imwejjed u għalhekk biex nakkomodawhom b'ħamsa minnhom, se jkollhom jiżżarmaw il-*computers* mill-Isptar il-Qadim.

10. Is-sindku informa lill-kunsill li se jibda l-**bini ta' villaġġ żgħir** fuq il-Mentna, għoli ta' tmien filati. Dan is-sit se jkun ukoll post il-ħassiela li se jkunu qed jaħslu l-ħwejjeġ viċin il-bir eżistenti.

11. Is-sindku esebixxa l-*leaflet* li qed jiġi ppreparat għall-**kampanja pubbliċitarja** b'ċirkulazzjoni ta' 15,000 kopja, filwaqt li qal li dan se jitqassam f'bosta rħula mill-*Maltapost plc*. Fosthom, dawk viċin tagħna, kif ukoll ir-raħal ta' Ħal Qormi li hu rinomat ma' serati ta' dan it-tip li issa ilhom jinżammu fih għal żmien twil. Dan se jiswielna €480 li l-kunsill unanimament approva. Infatti kien ikkunsidrat ukoll li dan il-*leaflet* jitqassam b'xejn fil-gazzetti tal-Ħadd bħat-*Times of Malta*.

12. L-istess ritratti tal-*leaflet* se jkunu qed jidhru wkol fuq il-***billboards*** li se jitwaqqfu; waħda fil-*Car Park* tal-*Elbros* fil-Belt u l-oħra l-Marsa.

13. Is-sindku qal li se nagħmlu ***press conference*** nhar l-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2009 fis-1:30pm, fl-Isptar il-Qadim stess, wieħed mis-siti fiċ-ċentru ta' din l-attività, biex inkomplu nkabbru l-kampanja pubbliċitarja u għaliha hu mistenni li jattendi l-Onor Chris Said.

14. Se jsir ukoll ***write up*** dwar l-attività mis-sindku u dan se jkun **ċirkulat lill-gazzetti** kollha għal min irid iġibu, peress li din hija parti mill-kultura mhux biss tal-Imqabba iżda wkoll ta' Malta kollha.

15. Fil-**laqgħa li nżammet f'dan l-uffiċċju** miż-żgħażagħ taż-żewġ każini tal-banda nhar il-21 ta' Settembru 2009 fil-bini amministrattiv tal-KLM, intqal li se tkun iffurmata banda waħda komposta miż-żewġ każini u se jkun hemm madwar sebgħin bandist. Dawn se jieħdu €1,000 bejniethom. Il-KLM approva dan il-ħlas flimkien ma' dak ta' €15 ta' kull antarjola mħawwla fit-toroq, €800 tal-fistun li se jinqasmu bejn il-każini, u €1,000 tan-nar. Għar-*re-enactment* iż-żgħażagħ se jiehdu €600 bejniethom. Kien approvat il-kiri ta' *security officer* minn *Group 4* biex joqgħod *stand by* fil-Kappella ta' Santa Katerina għassa mal-bradelli tal-vari tal-festa, liema kappella għad trid tiġi mnaddfa mill-kunsill peress li se tkun għall-wiri.

16. Dwar il-**marċi fit-toroq**, is-sindku qal li se jkun hemm l-istandardi tal-każini, u dak tal-kunsill li se naqilgħu persuna biex iżżommu. Ir-rotta ta' dan il-marċ se tkun minn Triq is-Saljatura, Triq iż-Żurrieq, Pjazza Ġublew tad-Djamanti, is-*Service Raod* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Katakombi, Triq Dun Ġeraldu Mangion, Triq in-Nazzarenu, Triq Karmenu Ciantar, Triq id-9 t'April, Triq San Mikiel, Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Parroċċa, Triq San Bażilju, Triq il-Madonna tal-Ġilju u jiġi fi tmiemu fejn il-Każin tal-Futbol. Dan il-marċ se jibda fis-6:00pm. Ftit qabel il-laqgħa, s-segretarju eżekuttiv kien mitlub mis-sindku sabiex jieħu l-fotokopji ta' ħames marċi magħżula minn kull soċjetà ħalli s-Sibt, 26 ta' Settembru 2009, iż-żgħażagħ jiltaqgħu fl-uffiċċju ħalli jagħmlu l-librett.

17. Is-sindku informa lill-kunsillieri li se jkun hemm **wirja f'kull każin**, filwaqt li l-*barmen* ġew mistiedna li joffru l-ikel Malti wkoll, flimkien mal-*Maypole Bakery* li se jarma bil-ħelu biss u mejda tal-qubbajt li ssoltu jaraha wieħed fil-festi tar-raħal tagħna.

18. Dwar **permessi tal-pulizija**, tkellem is-sindku mal-Ispettur, anke biex jintalbu pulizija żejda għall-*buon ordni*, peress li hu mistenni li jkun hawn ħafna nies.

19. Dwar il-banda proposta mill-lokalità taż-Żebbuġ Għawdex intqal li ma kienetx se tkun waħda ta' valur għall-flus, għaliex dawn talbuna €1,500. Madankollu huma se jġibu **żewġ korijiet u se jkantaw innijiet bibliċi fil-knisja**. Ovvjament il-kunsill se jipprovdilhom it-trasport.

20. Is-sindku qal li **għada 23 ta' Settembru 2009, se jerġgħu jiltaqgħu ż-żgħażagħ** fil-bini amministrattiv sabiex jikkonkludu dak kollu li għad fadal pendenti dwar din is-serata.

21. Dwar l-intervisti għall-**ingaġġ ta' skrivan/a *part-time***, tkellem Nicholas Briffa u qal li fil-laqgħa 33, *item* 8, kien joħroġ ċar li l-uffiċċju kellu jinforma lill-kunsillieri meta se ssir l-intervista. Dan fil-fatt ma ġarax u Grace Marie Mallia qalet li kellha stqarrija x'tippreżenta biex din titpoġġa mal-minuti, u talbet li l-vot jiġi revokat. Hija qalet li fin-nuqqas ta' dan, se tinforma lid-Direttur għall-Gvern Lokali b'dan l-aġir, jiġifieri li kienet imċaħda biex isservi fuq il-bord tal-intervisti. Hawn is-sindku qalilha li jekk qed tħoss li għandha tagħmel dan, hu minn naħa tiegħu m'għandu l-ebda oġġezzjoni. Nicholas Briffa issekonda l-istqarrija u żied jgħid illi ma nistgħux inċaħħdu dritt ta' xi kunsillier li jippartecipa f'kull attività, ġaladarba din il-persuna se tkun impjegata mal-kunsill u mhux mas-sindku jew is-segretarju eżekuttiv. Is-sindku wieġeb li Grace Marie Mallia ma ġiet imċaħħda mill-ebda attività tal-kunsill jew laqgħa. Biss fuq l-ebda bord ma jkun hemm id-diretturi kollha, iżda *human resources manager* u wieħed jew tnejn oħra. Is-sindku kompla li d-deċiżjoni xorta kienet ser tittella' waqt laqgħa tal-kunsill sabiex il-kunsillieri japprovaw jew le l-għażla tal-bord.

22. Dwar il-kuntratt mogħti lill-Kumpanija *Asfaltar Ltd*, biex isir **kisi mill-ġdid ta' toroq** fl-Imqabba, intqal li dan kien servut bl-avviż li ħa l-offerta. Aktar tard waqt din il-laqgħa kien approvat ir-*resurfacing* f'diversi toroq, f'din il-*Payment Approval Sheet* numru 355, biex tkun tista' tingħata l-*order to start works*. Dan sabiex l-ewwel jinbidlu s-servizzi tad-djar tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (KSI), imbgħad biex isir it-tarmak.

23. Paul Spiteri daħal għal-laqgħa fit-8:15pm.

24. Ġew imsemmija x-xogħlijiet tat-**tindif tal-*culverts***, speċjalment il-bżonn li jitnaddfu dak tal-Pjazza tal-Knisja, u ta' Triq il-Franka. Hawn se nistaqsu lill-ħaddiema tal-*IPSL* biex jekk għadhom ma naddfuhomx, iduruhom qabel jagħmel il-maltemp.

25. Dwar **Jum l-Imqabba 2009**, nhar it-23 ta' Ottubru 2009, is-sindku se jkollu laqgħa mas-segretarju tal-ET il-President ta' Malta, biex ikun finalizzat il-programm tal-mawra tiegħu fostna. Fl-okkażjoni tal-25 ta' Ottubru 2009, issa hu konfermat li fostna se jkollna is-sidien tal-karozzi antiki li se jtellgħu wirja b'dawn il-vetturi. Is-sindku ppropona li tinżamm attività oħra soċjo-reliġjuża, billi jitbierku l-annimali. Għadu mhux deċiż jekk din l-attività hix se tkun il-bidu jew it-tmiem tal-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba peress li s-sindku se jkun imsiefer f'dan il-perjodu fuq viżita li se ssir mid-diriġenti tal-GAL XLOKK fil-Pulja fl-Italja mit-20 sal-24 ta' Ottubru 2009. Però ma tistax tiċċaqlaq il-ġurnata li tajna lil każin ta' Santa Marija biex fiha jtellgħu is-Serata Mużikali fis-Sala tal-Iskola. Dan għaliex għal dan l-avveniment, is-Surmast ilu li qala' lill-bandisti barranin żmien twil. Madankollu kien hemm proposta biex l-Assemblea Lokali li normalment kienet issir l-Erbgħa, issa ssir it-Tnejn 19 ta' Ottubru 2009. Nicholas Briffa qal li fl-Assemblea Lokali nistgħu inbiddlu l-format li ssir il-*paper* mill-għaqdiet li kienet tinqara fil-bidu tal-interventi, iżda xorta jibqgħu japplikaw ir-regoli li minn dejjem addottajna. Dwar is-suġġett tal-Assemblea Grace Marie Mallia issuġġeriet "Id-Diversi Forom tal-Familja" u "Il-Faqar", kif ukoll is-sindku li ppropona "Ir-Rwol tal-Presidenza f'Malta". Paul Spiteri ippropona "L-Inklużjoni u r-Razziżmu".

26. Fit-8:30pm Nicholas Briffa kellu bżonn jitlaq mil-laqgħa u talab lill-membri l-oħra jiskużawh.

27. Għaldaqstant, dwar il-programm ta' **Jum l-Imqabba 2009**, kien deċiż illi nibdew bl-Assemblea Lokali u s-Sibt, 24 ta' Ottubru 2009 ikun hemm il-kunċert. Hija l-intenzjoni tal-viċi sindku li jkun hemm ġurnata dedikata għall-isport billi jkun organizzat *tournament* u l-flus li se jinġabru, jmorru għall-karità u finalment jgħaddu lill-ET il-President ta' Malta.

28. F'dan il-waqt, jiġifieri fid-8:40pm Charlie Farrugia, talab lill-kunsillieri biex jiskużawh għax kellu jitlaq.

29. Kien hemm proposta wkoll illi fil-programm ta' **Jum l-Imqabba 2009** ikun hemm taħdita dwar l-importanza u x'inhu eżattament il-KLM għat-tfal tal-iskola. Din hija mmirata għall-klassijiet 4, 5 u 6.

30. Lejn tmiem il-laqgħa, issemma l-**vandaliżmu fi Ġnien Tfal ir-Raħal** li seħħ dan l-aħħar kif ukoll il-ġrieden li dan l-aħħar donnhom irvillaw u daħlu mill-inħawi rurali qalb l-abitat.

31. Is-sindku informa lill-kunsillieri li hu iltaqa' ma' rappreżentant tal-*Environmental Landscapes Consortium (ELC)*, u dawn se jħawwlu **xtieli ġodda** fir-*roundabout* f'Tar-Robba, u f'dik ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma' Triq Valletta. Dan l-aħħar twettaq iż-żbir tal-*hedge* f'Misraħ il-Missjoni iż-Żgħira u dik ta' Misraħ il-Fidwa.

32. Dwar il-ħsarat kontinwi li qed isiru fit-toroq arterji tagħna propju fuq ir-*roundabouts* li jeżistu fir-raħal, partikolarment dik ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma' Triq Valletta, fejn **vetturi kbar jolqtu spiss iċ-ċint**, intqal li din irridu naraw kif insaħħuha anke jekk hemm bżonn li jidħol għaliha l-gvern ċentrali; peress li tinsab fi triq arterja.

33. Fil-mawra tas-**sindku ġewwa l-Pulja**, l-Italja, fuq inizjattiva tal-GAL XLOKK, hu qal li miegħu se jkun hemm Colin Ghigo, li hu imprenditur Imqabbi, li jagħmel il-lavur fil-ġebel.

34. Għal-**laqgħa** tad-19 ta' Settembru 2009 ġewwa l-*Montekristo Estates*, organizzata mill-**Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** għall-kunsillieri tax-Xlokk ta' Malta, attendew Paul Spiteri, Grace Marie Mallia kif ukoll is-sindku. Dwar din il-laqgħa intqal li kienet waħda tajba minkejja li s-suġġetti huma kważi dejjem l-istess, filwaqt li kienet imfaħħra is-sezzjoni li tat il-*BICREF*.

35. **Grace Marie Mallia talbet sabiex tinbidel il-ġurnata tas-seduta** li jmiss, jiġifieri dik tas-6 ta' Ottubru, 2009 peress li hija ma tistax tattendi.

36. Dwar l-art li issa ġiet dikjarata li hija tal-gvern, fl-inħawi tas-Sejba li tmiss maż-żona tal-ajruport ta' Malta, il-**KLM talab lid-Dipartiment tal-*Estates Management* sabiex inaddafa.**

37. Dwar l-attività tat-2 t'Ottubru 2009, is-sindku qal li nxtraw **qomos bojod** li se jkunu **pprintjati bil-*logo Youth and Culture*** biex ikunu identifikati li huma l-organizzaturi kif ukoll **elf ċinga tal-*mobiles*** biex jibqgħu bħala *token* u jitqassmu fis-serata. Dawn tal-aħħar ġewna 20c-il waħda li l-KLM approva unanimament.

38. Is-sindku fakkar fl-**elezzjonijiet** tal-10 ta' Ottubru 2009, għall-eżekuttiv tal-**Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** filwaqt li esprima l-ħajra tiegħu li jikkontesta għar-reġjun tax-Xlokk.

39. Il-**laqgħa intemmet** fid-9:15pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*07 /10 /2009 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |